MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 316/2002/1

**Mario Ellul**

**-vs-**

**Joseph Testa; u b'digriet tas-26 ta' Mejju, 2004 ġie kjamat fil-kawża Aaron Testa**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur ippreżentata fl-20 ta' Marzu, 2002 li permezz tagħha espona bir-rispett:

Peress illi iben l-attur Yani kien involut f'inċident awtomobilistiku mal-konvenut nhar it-13 ta' Settembru, 2001, fi Triq il-Pelikan, San Ġwann;

Peress illi l-inċident seħħ unikament kawża tas-sewqan traskurat u negliġenti da parti tal-konvenut meta huwa

kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAU–201;

Peress illi l-attur sofra danni nġenti kbar fuq il-vettura tiegħu tal-marka Alfa Romeo GTV bin-numru ta' reġistrazzjoni YAN-183 li kienet misjuqa minn ibnu kif ġja' fuq imsemmi tant, illi l-vettura ġiet ikkundannata bħala *write off*;

Peress illi għalkemm debitament interpellat, anki uffiċjalment permezz ta' l-ittra uffiċjali datata 21 ta' Frar, 2002, sabiex jersaq għal likwidazzjoni tad-danni, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Jgħid għalhekk l-istess konvenut l-għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-inċident stradali fuq imsemmi seħħ unikament kawża tas-sewqan traskurat u negliġenti da parti tal-konvenut;

2. Tiddikjara illi l-konvenut għandu jħallas id-danni kkawżati minnu fuq il-vettura ta' l-attur;

3. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur *in linea* ta' danni, l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż, inkluz ta' l-ittra uffiċjali datata Frar, 2002 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ppreżentata fil-25 ta' Novembru 2002 fejn qal bil-qima:

1. Illi t-talbiet attrici huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni ġara unikament tort ta' iben l-attur Yani li kien qed isuq il-vettura Alfa Romeo GTV, numru ta' reġistrazzjoni YAN-183, bi *speed* eċċessiv u bla kontroll sħiħ tal-vettura, bi

ksur tar-regolamenti tat-traffiku u mingħajr ma kien qed iżomm *"a proper look-out"*;

2. Illi, subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-ħsara li sofra l-attur fil-vettura tiegħu tista' tissewwa u żgur ma tammontax għal *"write off"*.

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Mejju 2004 li bih ġiet awtorizżata l-kjamata in kawża ta' Aaron Testa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess kjamat fil-kawża Aaron Testa ppreżentata fit-22 ta' Lulju 2004 fejn qal bil-qima:

1. Preliminarjament li l-azzjoni *"ex delicto"* proposta mill-attur fil-konfronti ta' l-eċċipjent hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex il-ħabta in kwistjoni ġrat unikament tort ta' iben l-attur Yani li kien qed isuq il-vettura Alfa Romeo GTV, numru ta' reġistrazzjoni YAN-183, bi *speed* esaġerat, bla kontroll sħiħ tal-vettura, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u mingħajr ma kien qed iżomm *"a proper look-out"*;

3. Illi dejjem bla preġudizzju għas-suespost, il-ħsara fil-vettura ta' l-attur tista' tissewwa u żgur ma tista' qatt titqies bħala *"write off"*.

4. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat is-sentenza tagħha tas-7 ta' Frar 2005 illi permezz tagħha giet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni ta' l-istess kjamat in kawża;

Rat is-sentenza tagħha tas-16 ta' Ottubru 2006 li permezz tagħha sabet lill-kjamat in kawża responsabbli għall-inċident in kwistjoni;

Rat l-atti proċesswali nkluż ir-rapport ta’ l-esperti tekniċi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Novembru 2008 li permezz tiegħu wara li semgħet lill-Avukati l-kawża tħalliet għas-seduta ta’ llum għas-sentenza dwar il-likwidazzjoni u kundanna għall-hlas tad-danni;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja’ ingħad f’din il-kawża baqa’ biss biex jiġi deċiż l-ammont ta’ danni li għandu jħallas il-kjamat in kawża lill-attur billi l-istess kjamat ġja’ ġie ritenut responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Il-vertenza ma ġietx solvuta, *nonostante* t-tentattivi li jidher li saru, għaliex l-attur jinsisti li l-vettura ġiet danneġġjata *beyond economic repair,* filwaqt li l-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża (issa ritenut responsabbli għall-inċident) jinsisti li l-vettura tista’ tissewwa.

Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana illi d-danneġġjat għandu l-obbligu li jillimita kemm jista’ jkun id-danni li għalihom hu responsabbli minn ikkaġunalu l-ħsara. **(“Mario Blackman vs Paul Formosa” - Appell Inferjuri 5 ta’ Ottubu 1994).** Dan naturalment mingħajr ma d-danneġġjat isofri ħsara huwa stess. (**“John Xuereb vs James Livick” – Appell Inferjuri 3 ta’ Novembru 1956**).

Fil-każ in eżami l-Qorti għandha quddiemha żewġ rapporti – wieħed preżentat mill-Inġinier Joseph Silvio nkarigat mill-attur u l-ieħor mill-espert inkarigat minnha Philip Zammit. Għandu jingħad li l-Inġinier Silvio, għalkemm espert *ex-parte*, ta l-impressjoni lill-Qorti li huwa professjonist ta’ l-affari tiegħu u ma jħallix il-fatt li jkun inkarigat minn xi parti joffuska din il-professjonalita’. Fir-relazzjoni tiegħu huwa qal li fil-fehma tiegħu l-vettura in kwistjoni hija *total loss* u biex tiġi msewwija għandhom isiru taħt ċerti kundizzjonijiet li evidentement il-garaxx li kien se jsewwi (ċioe’ s-socjeta’ UCIM Co Ltd li mingħandha l-attur xtara l-vettura) ma riditx taċċetta għaliex ma kienux skond is-soliti proċeduri. Huwa ma ndikax il-valur ta’ l-ispejjeż li kien hemm bżonn biex il-

vettura tissewwa. Da parti tiegħu l-espert tekniku Zammit indika s-somma ta' ħamest elef, sitt mija u disgħa u għoxin lira Maltin (Lm5,629) – u dan meta l-vettura kienet inxtrat sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000) f'Jannar 2001, u allura inqas minn sena qabel l-inċident. Dan allura jfisser li l-valur tagħha dak iż-żmien ta' l-inċident kien ftit inqas minn hekk. Il-Qorti allura jidhrilha li spejjeż ta' ħamest elef, sitt mija u disgħa u għoxrin lira Maltin (Lm5,629) fuq vettura li kienet tiswa aktar mid-doppju ta' hekk ma tirrendix il-vettura *beyond economic repair* għaliex żgur li wieħed jaqbillu jsewwi b'dak il-prezz. Fil-fehma tal-Qorti l-attur qed ifittex fi kliem Shakespeare, *"his pound of flesh"* meta jitlob li jiġi imħallas l-prezz sħiħ tal-vettura. *Oltre* dan l-espert tekniku Zammit kien ukoll ta' l-opinjoni illi l-vettura setgħet ġiet danneġġjata f'inċident preċedenti. Kif ġja' ndikat f'diversi sentenzi l-Qorti normalment timxi skond id-direzzjoni li jagħtiha l-espert inkarigat minnha, sakemm ma jikkonkorrux ċirkostanzi straordinarji.

Kollox ma kollox għalhekk il-Qorti jidhrilha illi għandha tikkundanna lill-imsejjaħ fil-kawza biex iħallas is-somma likwidata mill-espert inkarigat minnha u mhux iktar minn hekk.

Il-Qorti għal dawn il-motivi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u msejjaħ fil-kawża iżda tilqa' rispettivament it-tieni u tielet eċċezzjoni tagħhom u tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-imsejjaħ fil-kawża jħallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf, mija u tnax-il Ewro u erba' ċenteżmi (€13,112.04) ossija l-ekwivalenti ta' ħamest elef, sitt mija u disgħa u għoxrin lira Maltin (Lm5,629); l-ispejjeż ta' din l-istanza wkoll jitħallsu mill-kjamat in kawża *eccetto* dawk ta' l-espert tekniku Philip Zammit illi għandhom jitħallsu ndaqs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------